**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 16 ta' Marzu, 2022**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 145/2018**

**Maria Concetta Mifsud**

**vs**

**Jean Paul Micallef**
**SMS Insurance Agency Limited bhala agenti ta' Mapfre Middlesea plc u b'digriet tal-24 ta' Jannar 2019 l-isem gie korrett ghal SMS Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza ta' QBE 1886 (Lloyds)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tal-20 ta' Frar, 2018 li jghid hekk:

1. Dikjarazzjoni dwar l-oggett u l-fatti tal-kawza
1.1. Illi nhar l-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), fi Triq l-Irdum, Dingli, l-esponenti Maria Concetta Mifsud sfat imtajra mill-vettura tal-ghamla 'Honda Accord' bin-Numru ta' Registrazzjoni 'JPM-013' misjuqa mill-intimat Jean Paul Micallef;

1.2. Illi l-esponenti weggghat serjament u sofriet debilita ta' natura permanenti b'rizultat tal-incident de quo agitur, kif ukoll inkorriet numru ta' spejjez, inkluz spejjez medici, u danni ohra hekk kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' dawn il-proceduri;

1.3. Illi d-danni sofferti mill-esponenti gew minnha reklamati fis-somma ta' sebgha u sittin elf u mitejn u disgha u sittin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€67,269.84) (ara ittra datata 27 ta' Jannar, 2017 hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A) liema danni pero issa zdiedu sostanzjalment ghaliex certament li ma ghandux jigi applikat

ebda tnaqqis ghal lump sum payment u l-esponenti inkorriet spejjez addizzjonali varji li jammontaw ghal circa hamsin elf ewro (€50,000) sabiex b'hekk id-danni globali sofferti mill-esponenti jammontaw ghal mill-inqas mija u sbatax-il elf, u mitejn u disgha u sittin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€117,269.84);

1.4. Illi l-incident suriferit sehh unikament minhabba t-traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti tat-trafiku da parti tal-intimat Jean Paul Micallef;

1.5. Illi stante li l-incident kien ikkawzat minhabba l-agir kriminali tal-intimat, il-Pulizija Ezekuttiva pprosegwiet bi proceduri penali kontra tieghu fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Sarah Magri) vs Jean Paul Micallef, fejn xlietu li kien "Saq il-vettura JPM013 u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Concetta Mifsud skont kif iccertifika Dr Robert Chircop M.D.";

1.6. Illi b'sentenza ta' nhar id-disgha (9) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabet lill-intimat Jean Paul Micallef hati tal-imputazjoni kif dedotta konfra tieghu (Dokument anness u mmarkat bhala B);

2. Raguni ghat-talbiet f'dawn il-proceduri
2.1. Illi l-intimat huwa unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti stante n-nuqqassijiet u l-agir kriminuz tieghu kif fuq imsemmi;

2.2. Illi tul il-mori tal-proceduri kriminali, ir-rikorrenti kienet f'kuntatt mal-kumpanija assikuratrici tal-intimat, ossia l-intimata SMS Insurance Agency Limited, peress li kienu qeghdin isiru negozjati maghha a nom tal-intimat sabiex ir-rikorrenti tigi rizarcita d-danni minnha sofferti, b'dan pero li l-istess SMS Insurance Agency Limited l-ewwel id-decidiet li tistenna l-ezitu tal-proceduri kriminali li kienu ttiehdu kontra l-assikurat taghha u wara li nstab hati accettat li tkompli bin-negozjati fuq il-quantum tad-danni;

2.3. Illi l-intimat gie debitament interpellat permezz ta' Ittra Ufficjali Nru. 549/2015 ipprezentata nhar it-tnax (12) ta' Frar, elfejn u hmistax (2015), sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, izda huwa baqa' inadempjenti;

2.4. Illi s-socjeta SMS Insurance Agency Limited giet ukoll notifikata permezz ta' Ittra Ufficjali prezentata kontestwalment mar-rikors guramentat odjern, u dan ai termini tal-Artikolu 10 tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.5. Illi stante li kemm l-intimat u kemm is-socjeta SMS Insurance Agency Limited baqghu inadempjenti, kellha tigi istitwita din il-kawza.

2.6. Illi r-rikorrenti tiddikjara li hija taf b'dawn il-fatti personalment;

3. Talbiet

Jghidu ghalhekk l-intimati jew min minnhom, ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi kif ukoll ghal dawk kollha li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri:
i. Tiddikjara illi l-intimat Jean Paul Micallef huwa, b'raguni tal-agir kriminuz tieghu u li tieghu huwa diga gie misjub hati b'sentenza li ghaddiet in gudikat, kif fuq espost, unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti b'rizultat tal-incident li sehh nhar l-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfein u tlettax (2013), fi Triq l-Irdum, Dingli waqt li l-istess intimat Jean Paul Micallef kien qieghed isuq il-vettura tal-ghamla 'Honda Accord' bin-Numru ta' Registrazjoni 'JPM-013' b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u/jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni u/jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffku u involontariament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna tar-rikorrenti;

ii. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;

iii. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom biex ihallsu lir-rikorrenti d-danni kollha kif likwidati.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-lttra Ufficjali prezentata kontestwalment mal-odjern rikors guramentat a tenur Artikolu 10 tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-interessi legali, kontra l-intimati jew min minnhom li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Jean Paul Micallef li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament ukoll t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti ai termini tal-artikoli 2153 u 2154 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huwa infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante li mhux minnu li l-incident gara minnhabba xi tort negligenza jew nuqqas ta' osservanza tal-prekawzjonijiet mehtiega da parti tal-intimat kif ser jigi dettaljatament ppruvat fil-kors tal-kawza odjerna;

3. Illi t-talbiet rikorrenti nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident sehh b'tort u negligenza tal-intimata stess u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza odjerna;

4. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq eccepit, u in ogni caso d-danni lamentati ossia kemm dawk ta' 'damnum emergens' u 'lucrum cessans' jridu jigu pprovati skont il-ligi kemm fihom innifishom kif ukoll ghal dak li jirrigwardja l-konsegwenzjalita taghhom ghal xi agir jew nuqqas tal-intimat li wkoll iridu jigu pprovati;

5. Illi kwalsiasi diskussjonijiet jekk saru bil-mod u kif qed jinghad mill-intimata dejjem gew trattenuti minghajr ebda pregudizzju ghad-drittijiet tal-partijiet;

Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti, ossia eccezzjonijiet, ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta SMS Insurance Agency Limited bhala agenti ta’ Mapfre Middlesea plc li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament is-socjeta SMS Insurance Agency Limited (C5645) bhala Agenti ta' Mapfre Middlesea PLC (C 5553) mhix il-legittimu kontradittur u ghanha tigi Iliberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi preliminarjament ukoll t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti ai termini tal-artikoli 2153 u 2154 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huwa infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante li mhux minnu li l-incident gara minnhabba xi tort negligenza jew nuqqas ta' osservanza tal-prekawzjonijiet mehtiega da parti tal-intimat kif ser jigi dettaljatament ppruvat fil-kors tal-kawza odjerna;

4. Illi t-talbiet rikorrenti nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident sehh b'tort u negligenza tal-intimata stess u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza odjerna;

5. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq eccepit, u in ogni caso d-danni lamentati ossia kemm dawk ta' 'damnum emergens' u ‘lucrum cessans' iridu jigu pprovati skont il-ligi kemm fihom innifishom kif ukoll ghal dak li jirrigwardja il-konsegwenzjalita taghhom ghal xi agir jew nuqqas tal-intimat li wkoll iridu jigu pprovati;

6. Illi kwalsiasi diskussjonijiet, jekk saru bil-mod u kif qed jinghad mill-intimata dejjem gew trattenuti minghajr ebda pregudizzju ghad-drittijiet tal-partijiet;

Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti, ossia eccezzjonijiet, ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta SMS Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza ta’ QBE 1886 (Lloyds) li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament ukoll t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti ai termini tal-artikoli 2153 u 2154 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huwa infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante li mhux minnu li l-incident gara minnhabba xi tort negligenza jew nuqqas ta' osservanza tal-prekawzjonijiet mehtiega da parti tal-intimat kif ser jigi dettaljatament ppruvat fil-kors tal-kawza odjerna;

3. Illi t-talbiet rikorrenti nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident sehh b'tort u negligenza tal-intimata stess u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza odjerna;

4. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq eccepit, u in ogni caso d-danni lamentati ossia kemm dawk ta' 'damnum emergens' u 'lucurm cessans' jridu jigu pprovati skont il-ligi

kemm fihom innifishom kif ukoll ghal dak li jirrigwardja il-konsegwenzjalita taghhom ghal xi agir jew nuqqas tal-intimat li wkoll iridu jigu pprovati;

5. Illi kwalsiasi diskussjonijiet, jekk saru bil-mod u kif qed jinghad mill-intimata dejjem gew trattenuti minghajr ebda pregudizzju ghad-drittijiet tal-partijiet;

Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti, ossia eccezzjonijiet, ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza ghad-danni sofferti mill-attrici konsegwenza ta' incident tat-traffiku li sehh fl-20 ta' Settembru 2013 fi Triq l-Irdum, Had-Dingli fejn l-attrici sfat milquta mill-vettura JPM013 misjuqa mill-konvenut. Hi tallega li l-incident sehh bi htija tal-konvenut u jrid jirrispondi ghad-danni sofferti.

Il-konvenut fl-ewwel lok jikkontendi li t-talba hi preskritta a bazi tal-artikoli 2153 u 2154 tal-Kap. 16 u fl-mertu jichad li l-incident sehh bi htija tieghu.

Is-socjeta SMS tissottometti li bhala agent ta' Mapfre Middlesea mhix il-legittimu kontradittur. Tissottometti wkoll illi t-talba hi preskritta a bazi tal-artikoli 2153 u 2154 tal-Kap. 16 u fil-mertu tishaq li l-incident ma sehhx bi htija ta' Jean Paul Mifsud.

Iktar il-quddiem saret korrezzjoni fl-okkju b'digriet tal-24 ta' Jannar 2019 u SMS giet qed tidher ghan-nom u in rapprezentanza ta' QBE1886 (Lloyds) u ipprezentat eccezzjonijiet identici ghal dawk gia prezentati bhala agent ta' Mapfre Middlesea hlief ghall-eccezzjonni ta' legittimu kuntradittur.

**Provi**

L-attrici ghamlet affidavit li fih xehdet li kienet sejra lura d-dar bil-mixi tard wara nofsinhar. Hi toqghod fi Triq l-Irdum numru 4 Had-Dingli. Bieb ma' bieb maghha kien hemm scaffolding ghax kienu qed jaghmlu xi xoghlijiet fuq id-dar. L-iscaffolding kien

jimblokka kompletament il-bankina u anqas kien hemm access minn tahtu. Bilfors kellha tinzel il-bankina biex tghaddi l-iscaffolding u tasal hdejn il-bieb taghha. Qalet li qabel nizlet il-bankina harset biex tara humiex gejjin vetturi faccata taghha. It-triq kellha vizwali tajba u billi rat li ma kinex hemm periklu nizlet il-bankina u bdiet miexja. Kif walset mat-tarf l-iehor tal-iscaffolding rat karozza gejja lejha b'sahha u ghalkemm ghajtet il-karozza bla ma ma zammet brake, laqtitha bil-genb tax-xellug taghha fuq ir-rigel tax-xelluq tal-attrici. Bil-daqqa intefghet mal-art u rasha giet mal-bankina. Il-konvenut waqaf aktar il-quddiem.

Ir-road accident report li sar a tempo vergine ghalkemm il-verzjoni tal-attrici saret meta kienet gia ittiehdet l-isptar jikkonferma l-verzjoni, ghalkemm fil-qosor, li xehdet l-attrici fl-affidavit fil-kawza odjerna. Fil-proceduri kriminali kontra l-konvenut hi xehdet li kienet kwazi qabzet l-iscaffolding meta sehh l-incident. Ikkonfermat ukoll illi x-xemx kienet faccata ta' mnejn kien gej il-konvenut. Binha Mario Mifsud li wasal fuq il-post meta ommu kienet ghadha ma ittehditx l-isptar qal li ommu sabha mal-art mimduda fuq il-lemin taghha u kienet kwazi qabzet it-tul tal-iscaffolding. Kemm hu u huh Paul Mifsud fl-affidavit li ghamlu (fol. 455 tal-process) qalu li raw lil konvenut jipprova jwahhal il-bumper f'postu fil-karozza u jsewwi l-mera kif jista'.

Il-konvenut a tempo vergine qal lil pulizija li x-xemx ghamietu pero zied li l-attrici kienet qed taqsam dak il-hin. Waqt il-provi fil-kawza kriminali li saret kontra l-konvenut jixhed li meta laqatha kienet ghadha ser tibda riesqa lejn l-iscaffolding u immarka bl-ittra 'X' fuq l-isketch a fol. 145 tal-process. Hu zied li t-triq cioe Triq l-Irdum hi dejqa u ma hemmx fejn taghfas billi ma jghaddux zewg karozzi hdejn xulxin. Karozzi ipparkjati ma kienx hemm. Kien isuq b'xi 30 kilometru fis-siegha. Kellu x-xemx f'ghajnejh u sema hoss u waqaf. Il-vizwali altrimenti hi tajba. Jikkonferma li ma rahiex qabel l-incident u jikkonferma wkoll li l-iscaffolding kien jimblokka kompletament il-bankina. Meta hareg mill-karrozza l-attrici kienet mimduda mal-art fit-tarf tal-iscaffolding in-naha tal-bankina. Ikkonferma li meta gew il-pulizija l-attrici kienet gia ittiehdet l-isptar. Hu qal li kien jaf li hemm l-iscaffolding. Meta xehed quddiem il-Qorti hu esebixxa ritratt (fol. 659 tal-process) fejn sehh l-incident u l-pozizzjoni tal-attrici fit-triq meta intlaqtet, l-iscaffolding u d-dar tal-attrici. Qal li hu sabha ma' wiccu meta kien ghoddu qabez l-iscaffolding u waqaf mill-ewwel.

Fil-proceduri kriminali l-konvenut instab hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-9 ta' Gunju 2016 ta' sewqan traskurat u negligenti u ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq l-attrici u gie immultat €2,000.

**Konsiderazzjonijiet ta' ligi**

**Eccezzjoni tal-konvenuti rigward il-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 u 2154 tal-Kap. 16**

Il-Qorti tqis li l-preskrizzjoni a bazi tal-artikolu 2153 ma tistax tigi milqugha. L-artikolu 2153 cioe l-preskrizzjoni ta' sentejn japplika fil-kaz fejn l-azzjoni ghad-danni gejja biss minn att negligenti li ma jaghtix lok ghal reat kriminali. F'dan il-kaz il-konvenut tressaq il-Qorti tal-Magistrati sede kriminali b'akkuzi ta' reat u gie misjub hati b'sentenza tad-9 ta' Gunju 2016.

In kwantu ghal artikolu 2154 dan jistabilixxi l-preskrizzjoni applikabbli ghal reati kriminali biex tigi stabbilita l-preskrizzjoni civili. F'dan il-kaz il-konvenut gie akkuzat a bazi tal-artikolu 226 tal-Kap. 9. Skont l-artikolu 226(1)(a) jekk id-dannu prodott hu gravi u jipproduci dizabilita permanenti kif inhu dan il-kaz allura hemm piena ta' habs ta' mhux aktar minn sena. L-artikolu 688(e) jistabilixxi li l-perjodu preskrittiv ghal reati simili hu ta' sentejn. Ghalhekk il-preskrizzjoni civili applikabbli f'din il-kawza hu ta' sentejn. L-incident sehh fl-20 ta' Settembru 2013. Giet esebita ittra ufficjali datata 12 ta' Frar 2015 notifikata lil konvenut fit-18 ta' Frar 2015 (fol. 645 tal-process) b'notifika lil SMS Insurance. L-artikolu 687(2) tal-Kap. 9 pero jghid li l-perjodu preskrittiv hu sospiz mill-mument li l-akkuza tigi notifikata lil akkuzat sad-data tas-sentenza finali. L-akkuza saret fl-2014 u fis-27 ta' Frar 2014 saret l-ewwel seduta fejn deher l-akkuzat. Is-sentenza inghatat fid-9 ta' Gunju 2016 u l-kawza civili saret fl-20 ta' Frar 2018 u cioe fil-perjodu ta' sentejn mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati sede kriminali. Kwindi ma lahqux ghaddew sentejn ghal fini tal-preskrizzjoni skont il-Kap. 9. Ma hemm ebda preskrizzjoni a bazi tal-artikolu 2154 tal-Kap. 16.

**Eccezzjoni ta' SMS li mhix legittimu kontradittur**

Is-socjeta SMA eccepiet li mhix legittimu kontradittur meta tharrket in rapprezentanza bhala agent ta' Mapfre Middleman plc. Din il-kwisjoni giet rizolta meta l-attrici talbet u

ottjeniet permezz ta' digriet tal-24 ta' Jannar 2019 korrezzjoni tal-okkju biex flok Mapfre jidhlu Lloyds (QBE 1886). Fl-eccezzjonijiet li nghataw mis-socjeta konvenuta kif issa indikata ma saret ebda risposta li l-okkju kif korrett kellu xi ghelt dwar ir-rapprezentanza. Kwindi l-eccezzjoni dwar il-legittimu kontradittur giet rizolta waqt il-proceduri.

**Mertu**

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Debono et noe vs Carmel Camilleri** (PA 21/11/2008) fejn gie spjegat il-principju li jirregolaw il-materja meta kollizzjoni tinvolvi vettura ma' utent tat-triq.

> B'introduzzjoni generali jinghad fis-sentenza "**Bongailas – vs- Mercieca**" aktar 'il fuq citata, trattasi ta' investiment ta' pedestrian, illi "filwaqt li pedestrian ghandu certament juza l-kura mehtiega biex ma johloqx ghall-utenti ohra tat-triq sitwazzjoni ta' perikolu jew emergenza, minn naha l-ohra d-drivers ta' karrozzi, li huma magni ta' potenza li joqtlu jew ikorru, ghandhom l-obbligu gravi li jiehdu kura li jsuqu b'mod illi ma jkunux ta' perikolu jew dannu ghall-pedestrians li ghandhom ukoll id-dritt li juzaw it-triq";
>
> Jinghad mill-Franzoni ("Le obbligazioni da fatto illecito" Ed. Utet 2004, pagna 355) illi "in caso di investimento di un pedone, la prova liberatoria per il conducente è molto severa: egli si libera da responsabilita` soltanto se dimostra che non vi era alcuna possibilita` di prevenire l'evento, situazione questa ricorrente allorche il pedone tenga una condotta imprevedibile e anormale, sicche l'automobilista si trova nell'oggettiva impossibilita` di avvistarlo e comunque di osservarne tempestivamente i movimenti. Tale situazione si verifica, ad esempio quando il pedone appare all'improvvisio sulla traiettoria del veicolo che procede regolarmente sulla strada, rispettando tutte le norme della circolazione stradale e quelle di comune prudenza e diligenza incidenti con nesso di causalita` sul sinistro". F'wahda minn noti marginali l-awtur jaghti b'ezemplari sunt mis-sentenza talQorti tal-Kassazzjoni Taljana (23 ta' Awissu, 1997, numru 7922) li hekk jipprovdi: "nella specie, essendo stato accertato: (a) la corretta e prudenziale condotta di guida dell'investitore con particolare riferimento alla velocita` del mezzo, giudicata moderata e adeguata alla situazione dei luoghi; (b) l'essere il pedone repentinamente fuoriuscito da un portone che dava direttamente sulla strada, proprio mentre stava sopraggiungendo dalla sua sinistra il veicolo; (c) l'impossibilita` per il conducente di effettuare altre manovre di emergenza, se non il tentativo dell'inutile brusca frenata – correttemente è stata esclusa dal giudice 'a quo' la responsabilita del guidatore alla stregua dei principi sopra enunciati in relazione al disposto dell'art. 2054, prima coma, codice civile";

Applikati l-principjji ghal fatti mertu ta' din il-kawza l-Qorti tislet dawn il-fatti. L-attrici kellha bil-fors tinzel il-bankina biex taqbez scaffolding fuq il-bankina li kien qed

jimblokkalha totalment il-passagg tal-bankina. Hi tghid li meta nizlet il-bankina l-vizwali taggha kienet mhux imxekkla u ma lemhet ebda periklu. Dak il-hin ix-xemx kienet niezla minn warajha. Il-konvenut kien gej fit-triq faccata ta' mnejn nizlet il-bankina l-attrici. Hu minn dawk l-inhawi u kien ghalhekk prezunt li jaf li x-xemx tkun faccata tieghu. Kien jaf ukoll li dak iz-zmien kien hemm scaffolding fuq il-bankina. A tempo vergine, u din il-Qorti tqis li dak li jinghad ftit hin wara l-incident jaghti stampa pjuttost cara u kredibbli tal-fatt li sehh, il-konvenut jixhed li ma rax lil attrici ghax kellu x-xemx faccata tieghu u induna bl-incident ghax sema' hoss fuq il-genb tax-xellug tal-karrozza u waqaf il-quddiem mnejn sehh l-incident. Dan ifisser li l-konvenut ma kien qed jiehu ebda mizura prekawzjonali meta kien jaf bil-periklu ezistenti u potenzjament perikoluz. Il-vizwali tieghu mnejn kien gej mhix imxekkla u b'sewqan prudenti kien jilmah lill-attrici u jevita l-incident billi kif jidher mill-access li l-Qorti ghamlet fuq il-post tal-incident il-konvenut kellu spazju generuz biex jevita l-incident u ma jidhirx mill-atti li kien gej xi traffiku faccata tieghu li seta' jimpedih milli jiehu evasive action biex ma jsehhx l-incident.

Il-konvenuti jargumentaw ukoll li l-fatt l-attrici stess tammetti li hija kienet fit-triq u mhux fuq il-bankina, u galadarba huwa accettat ukoll li Sammut kien qieghed isuq fit-triq u fl-ebda hin ma rikeb il-bankina "...huwa fattur importanti biex jigi kkontestwalizzat l-incident billi jpoggi sewwieq f'postu u utenti mhux fil-post naturali taghha." Fil-fehma ta' din il-Qorti dan bl-ebda mod ma jezonara lill-konvenut mir-responsabbilita ghall-incident in kwistjoni. Sewwieq ghandu dejjem jezercita *proper look out* waqt li jkun qieghed isuq u ghandu jqis ic-cirkostanzi kollha tal-inhawi fejn ikun u joqghod attent mhux biss ghall-vetturi ohra, izda wkoll għal *pedestrians. Pedestrians* ma jistghux iqattghu il-hin kollha li jkunu barra fuq il-bankina, ghaliex jista' jkollhom bzonn jaqsmu t-triq, jew ghaliex ikun hemm ostakoli fuq il-bankina minhabba liema jkollhom jimxu fit-triq. Ghalhekk, pedestrian jitqies li huwa responsabbli ghall-incident in toto jew in parte mhux jekk jirrizulta biss li intalaq waqt li kien fit-triq, izda jekk jirrizulta wkoll li holoq emergenza subitaneja b'mod li sewwieq li jkun qed isuq b'mod regolari ma kienx f'posizzjoni li jirregola ruhu ghall-perikolu li holoq il-*pedestrian.*

Filfatt il-konvenuti jargumentaw illi l-attrici holqot "*sudden emergency"* billi qabdet u nizlet minn fuq il-bankina minghajr ma accertat ruhha li ma kienx hemm periklu, u li

dan jirrizulta mill-fatt li l-attrici mkien ma qalet li rat lill-konvenut Sammut qabel ma sehh l-incident. Il-Qorti tosserva pero li fix-xhieda taghha l-attrici qalet li hija kienet harset sabiex tara jekk setghatx tinzel mill-bankina. L-attrici xehdet ukoll li meta rat il-vettura riesqa lejha hija bdiet tghajjat biex tigbed l-attenzjoni tas-sewwieq, izda dan baqa' ghaddej kif kien. Ghalhekk dan l-argument tal-konvenuti huwa infondat ghaliex huwa kompletament kontradett mill-provi. Minn naha tieghu il-konvenut xehed li kien jaf li kien hemm scaffolding fuq il-bankina dakinhar tal-incident peress li huwa kien joqghod fl-inhawi. Pero jirrizulta li l-konvenut naqas milli jirregola s-sewqien tieghu in vista tal-fatt li kien hemm ostakolu fuq il-bankina, u l-fatt li kien hemm ix-xemx f'ghajnejh. Dawn iz-zewg fatturi kellhom iwassluh sabiex joqghod ferm attent ghal possibilita li jkun hemm *pedestrians* mexjin fit-triq.

Il-Qorti tosserva wkoll ma jidhirx li kien isuq b'xi velocita eccessiva, tant li waqaf xi metri biss boghod mill-iscaffolding. Il-velocita f'dan il-kaz mhix il-fattur predominanti li ta lok ghall-incident izda in-nuqqas tal-konvenut li jzomm proper lookout ghal dak li kien qed isehh quddiemu. Din l-attenzjoni necessarja u inkombenti fuq il-konvenut kienet ghal kollox nieqsa billi lanqas lemah lil attrici hlief wara li laqatha u dan ghax sema hoss mhux ghax raha. Dan terga u tghid minkejja l-fatt li l-attrici kienet qed tghajjat biex ma jolqothiex, izda l-konvenut ma semghax l-ghajjat, u dan juri li l-konvenut ma kienx attent bizzejjed ghal dak li kien qieghed jigri madwaru. Hu lanqas irregola s-sewqan tieghu qabel wasal vicin l-iscaffolding biex jipprevjeni sitwazzjoni li ma kinitx ghal kollox imprevedibbli meta kien jaf li ma hemmx access liberu fuq il-bankina ghal utenti.

Il-konvenut jallega illi meta hareg mill-vettura wara l-incident sab lill-attrici vicin l-iscaffolding ezatt kif bdiet tissuperah fejn kienet ghadha kif nizlet il-bankina. Din is-sottomissjoni hi difiza ta' emergenza subitaneja li ma taghtix l-opportunita u l-mezz li l-konvenut jevita l-incident. Tali difiza trid tigi ippruvata bhala fatt u mhux biss sottomessa bhala punt ta' dritt. Hi biss il-kelma tal-konvenut li issostni din it-tezi. L-attrici tixhed li hi kienet kwazi issorpassat l-iscaffolding kollu meta sehh l-incident, kif konfermat minn binha Mario. Ma hemm ebda prova ohra fl-atti u l-isketch ma jindika xejn billi meta l-pulizija marru fuq il-post, l-attrici kienet gia ittiehdet l-isptar u ma setghu jindikaw ebda debris tal-incident. Ghalhekk ma hemmx prova cara ta'

emergenza subitaneja u l-Qorti tikkonkludi illi l-incident sehh bi htija unikament tal-konvenut u jrid jirrispondi ghad-danni.

**Danni**

Illi l-hsara li persuna negligenti trid twiegeb ghaliha tikkonsisti (a) fit-telf effettiv li l-persuna mgarrba tbati direttament mill-eghmil; (b) fl-ispejjez minfuqin mill-persuna mgarrba biex taghmel tajjeb ghall-hsara li saritilha; (c) fit-telf ta' paga, dhul jew qligh iehor attwali; u (d) fit-telf ta' qligh li l-persuna mgarrba tbati 'l quddiem minhabba debilita dejjiema kawzata minn dak l-eghmil (art. 1045(1) tal-Kap. 1627).

Illi fil-kaz li l-Qorti ghandha quddiemha, il-kumpens li l-Qorti trid tasal ghalih irid jitqies fuq l-ispejjez li ntefqu wara l-incident b'konsegwenza diretta tal-incident (damnum emergens) u t-telf li se' jkollha tbati 'l quddiem minhabba l-inkapacità ghal dejjem li hija garrbet fl-incident mertu tal-kaz. Il-kliem "inkapacita ghal dejjem" li ssemmi l-ligi fihom izjed minn tifsira wahda. Dan ghaliex filwaqt li "f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li ghalkemm skaturit minn incident specifiku fi zmien partikolari jhalli fuq is-suggett danneggjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli. F'sens legali, tikkonsisti f'dik il-qaghda fejn id-danneggjat ma jkomplix juzufruwixxi ruhu kif imiss minn dak il-qligh li kien jirrejalizza kieku ma kienx ghall-event leziv" (**Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe**, PA 30/01/2008).

Illi hemm linja ta' hsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mgarrba jisthoqqilha tinghata jrid ikun immexxi mill-principju tar-restitutio in integrum safejn possibbli u fis-sens li l-ghan tal-likwidazzjoni tad-dannu mgarrab ghandu jkun dak li jerga' jqieghed lill-persuna mgarrba f'pozizzjoni daqslikieku ma kien gralu xejn (**Maria Debono vs Andrew Vaswani**, PA 03/10/2003). Ma' dan il-Qorti pero izzid kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **George Gatt vs Francis E. Carbone noe**, (App Kumm 07/07/1998):

> Il-ligi gustament trid li l-persuna danneggjata, tigi rizarcita; cioe titpogga f'sitwazzjoni mhix aghar, kwantu ghal 'lucrum cessans' u 'damnum emergens' milli kienet qabel l-infortunju. Il-ligi trid li l-hsara tigi rizarcita, mhux li l-infortuant jaghmel investiment mid-disgrazzja li gratlu.

**Damnum emergens**

B'rizultat tal-incident l-attrici sofriet dizabilita f'sieqha x-xellugija fejn kellha intervent mediku u wara hadet 27 sessjoni ta' terapija li swew €540 (ara fol. 41 tal-process)

skont ricevuta tat-terrapista Matthew Azzopardi tat-23 ta' Novembru 2014. Din hi l-unika prova ta' telf effettiv li ressqet l-attrici. Avolja tixhed illi hi nefqet f'hafna pilloli u medicini pero ma ngiebet ebda prova ohra ta' telf effettiv hlief ghal kont tal-fizjorterrapista. Dan l-ammont hu gustifikat tenut kont tad-dannu fiziku soffert.

**Lucrum cessans**

L-attrici hi mara tad-dar u kellha 67 meta kellha l-incident. Il-fatt li hi mara tad-dar ma jtellifx milli tigi kumpensata ghat-telf ta' introjtu fil-futur. Hekk fil-kawza **Grech vs Briffa**, (PA 21/02/1997) intqal:

> ix-xoghol tad-dar ghandu valur ekonomiku, u l-kontribut li taghti l-mara tad-dar lill-ekonomija domestika ma ghandux jitqies li huwa anqas minn tar-ragel, u ghalhekk ma ghandux jitqies li jiswa anqas mill-paga minima nazzjonali.

Fil-kawza **Borg vs Zammit**, (PA 22/03/1999), qalet li mara tad-dar ghandha dritt ghall-kumpens lucrum cessans (**Zammit vs Bezzina**, App 19/09/1973), u x-xoghol tad-dar ghandu jitqies li jiswa' mhux anqas mill-paga minima nazzjonali. Fl-istess sens huma s-sentenzi, fil-kazijiet **Farrugia vs Mamo**, PA 11/10/2002; **Abela vs Dimech**, PA 18/03/2008; u **Psaila vs Farrugia**, PA 19/10/2010, fost ohrajn. Ma hemmx dubju, allura li l-griehi li sofriet l-attrici jwasslu ghal telf ekonomiku fil-futur, minhabba l-hsara reali u tangibbli li l-konvenut hu tenut li jirrimedja ghaliha.

Jidher li mhux kontradett illi qabel l-incident l-attrici keinet mara f'sikkitha u taghmel kollox hi u fi ftit kliem kienet tghix hajja indipendenti bla ebda piz ghal hadd. Illum skont kif tixhed l-istess attrici hi limitata f'dak li tista' taghmel minhabba l-konsegwenzi tal-incident. Fil-kawza gie sottomess rapport li kien gie redatt minn Mr Alec Sultana dwar l-attrici fuq inkarigu tal-Qorti tal-Magistrati, fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-konvenut dwar l-istess incident mertu ta' din il-kawza. Skont dan ir-rapport l-attrici ghandha 40 fil-mija ta' dizabilita permanenti. Mix-xhieda ta' Mr Alex Sultana (fol. 623) jirrizulta li huwa bbaza dan il-percentwali fuq formula mahruga mill-Ministru tal-Gustizzja, pero qies ukoll li l-attrici kellha ksur kbir, kellha bzonn operazzjoni kbira u rehab ghal xahrejn u wara seba' xhur kienet ghadha mhix timxi sew u minhabba l-eta taghha kellha cans bizzejjed li jkollha arthritis fl-irkoppa. Fil-mori ta' din il-kawza gie appuntat Mr. Massimo Abela bhala espert tekniku li, wara li ghamel l-ezamijiet medici necessarji fuq l-attrici, irrelata li l-attrici garrbet dizabilita

permanenti f'rata ta' 14 fil-mija a kawza tal-incident mertu ta' dawn il-proceduri. Huwa spjega fir-relazzjoni tieghu illi l-evalwazzjoni tar-rata ta' dizabbilita tal-attrici hija bbazata fuq l-esperjenza personali tieghu u b'referenza ghal numru ta' kotba, fosthom dak intitolat "*Guides to the Evaluation of Permanenti Impairment"* ippublikat mill-American Medical Association. Il-konvenut ma ghamel l-ebda domandi in eskussjoni lill-perit tekniku u lanqas ma talab il-hatra ta' periti perizjuri.

Ghalkemm il-konvenut ressaq provi konsistenti f'ritratti biex juri li l-attrici tista' taghmel azzjonijiet bhal hasil tal-art u mixi minghajr xkiel, ir-rappport mediku u r-risposti in eskussjoni tal-Perit Tekniku Mr. Massimo Abela juru li ghalkemm l-attrici tista' taghmel azzjonijet normali tal-hajja, dawn l-azzjonijiet ghadhom sal-gurnata tal-llum limitati b'konsegwenza tal-griehi li sofriet u jaghtuha ugiegh li jinnecessita serhan. Filfatt, fir-relazzjoni tieghu a fol. 680 - 681 il-perit tekniku jispjega li minkejja "...li l-ksur ghaqad, l-irkoppa ghada iebsa u ma tistax tilwiha, u ditrittaha [*recte :* tidrittaha] ghal kollox (fixed flexion deformity). Din l-eghbusija twassal ghal problemi biex timxi, titbaxxa, u titla u tinzel it-tarag. Minbarra din l-eghbusija ikollha ukoll tuza l-krozzi biex timxi. Ir-radjografiji li ttiehdu llum urew evidenza ta' artrite fil-gog tal-irkoppa. Jekk din tiggrava fil-futur jaf ukollha bzonn taghmel operazzjoni biex tinbidel l-irkoppa (knee replacement)." Inoltre, l-Qorti hi konvinta li mat-trapass taz-zmien it-tbatija fizika tal-attrici kawza tal-incident ser tkompli tikber u tikkomplikalha hajja li altrimenti kienet indipendenti. Dan huwa ikkonfermat mir-risposta in eskussjoni moghtija mill-perit tekniku Mr. Massimo Abela (fol. 688) li kkonferma li l-artrite li kkonstata fil-gog tal-irkoppa tal-attrici u l-potenzjal li jkollha bzonn knee replacement huma effett dirett tal-incident mertu ta' dawn il-proceduri.

Ikkonsidrat dan kollu, l-Qorti tqis li r-rata ta' dizabilita applikabbli hija dik determinata mill-perit tekniku Mr. Massimo Abela ta' 14 fil-mija. It-tabib Mr. Alec Sultana kien ezamina lill-attric fit-8 ta' April 2014, u cioe circa seba' xhur wara l-incident in kwistjoni, filwaqt li l-perit tekniku mahtur minn din il-Qorti invista lill-attrici fi Frar 2021. In vista ta' dan il-Qorti hi konvinta li l-perit tekniku ha stampa aktar cara tal-estent tal-impatt *long-term* li dan l-incident kellu fuq is-sahha u l-hajja tal-attrici ghal finijiet ta' dawn il-proceduri.

Il-konvenuti jargumentaw fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom li l-ammont ta' danni likwidat ghandu jkun il-minimu kkontemplat fil-ligi ghaliex l-attrici hija, u kienet dejjem, mara tad-dar, u ghandha 76 sena. Il-Qorti tosserva l-ewwel nett li d-danni ghandhom jinhadmu b'referenza ghall-eta tal-attrici meta sehh l-incident in kwistjoni, f'liema zmien hija kellha 67 sena. Inoltre, l-Qorti tosserva wkoll li skont il-gurisprudenza kostanti tal-qrati Maltin "...x-xoghol tad-dar ukoll ghandu valur ekonomiku, u l-kontribut li taghti mara tad-dar lill-ekonomija domestika ma ghandux jitqies li hu anqas minn dak li jaghti r-ragel" (**Emmanuel Sammut et vs Chief Government Medical Officer,** PA, 12/12/2002) u li ghaldaqstant ix-xoghol tad-dar m'ghandux jitqies li ghandu valur anqas mill-paga minima nazzjonali. Bhala introjtu l-Qorti ser tiehu ghalhekk il-paga minima nazzjoni fl-2013 cioe €162.19 fil-gimgha. Il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-attrici dwar iz-ziedet ghal gholi tal-hajja pero, tenut kont li l-attrici gia kellha 67 sena meta sehh l-incident.

Bhala multiplier din il-Qorti issib illi in vista tal-eta gia mhix zghira tal-attrici meta sehh l-incident u c-chances and changes of life, u t-tnaqqis fil-mobilita tal-attrici aktar ma tikber in parte mhux traskurabbli jew minima kawza tal-incident, u l-fatt li, kif intqal fis-sentenza **Saviour u Violet Sammut vs Robert Demanuele** (PA, 12/07/2002) "bhala mara tad-dar ix-xoghol taghha ma jieqafx mal 61 sena", il-Qorti ghandha tiehu seba' snin bhala ammont ta' snin li fuqhom ghandu jinhadem il-lucrum cessans u dan in vista tal-gurisprudenza fuq imsemmija.

Ghalhekk il-Qorti tqis li d-dannu soffert hu ta' €162.19 x 52 gimgha x 7 snin x 14% = €8,254.20.

Dwar it-tnaqqis minhabba *lump sum payment* l-attrici tressaq argumenti kontradittorji fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha. Hija l-ewwel targumenta li r-rata bazi ta' 20% ghandha titnaqqis b'zewg punti ghal kull sena li tghaddi minn mindu tkun infethet il-kawza, filwaqt li imbaghad tghid li t-tnaqqis minhabba *lump sum payment* ghandu jkun ta' 10%. Fi kwalunkwe kaz, in vista tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz, il-Qorti ma taqbilx mal-attrici li ghandu jkun hemm xi tnaqqis fir-rata ta' tnaqqis minhabba lump sum payment. Din il-kawza giet intavolata fl-20 ta' Frar 2018 u ser tkun giet deciza entro erba' snin minn meta giet intavolata. Il-Qorti tosserva li fil-mori ta' din il-kawza bdiet il-pandemija kkawzata mill-virus Covid-19 li ghal xi zmien zammet milli l-

proceduri jkunu jistghu ikomplu ghaddejjin b'mod regolari u dan fl-interess tas-sahha pubblika. Ghalhekk il-Qorti tqis li galadarba l-konvenut ma jahtix ghall-fatt li l-kawza damet sejra erba' snin, u galadarba ma jidhirx li din il-kawza damet irragonevolment ikkonsidrat ukoll il-fattur tal-pandemija, ghandu jsir tnaqqis ghal *lump sum payment* bir-rata shiha ta' 20%. Dan ifisser li minn €8,254.20 irid jitnaqqas 20% li jwassal ghal lucrum cessans ta' €6,612.16.

B'hekk id-danni li sofriet l-attrici huma ta' €540 damnum emergens u €6,612.16 lucrum cessans b'kollox €7,152.16.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni imqajma mill-konvenuti, u fil-waqt li tilqa' t-talbiet attrici, issib lil konvenut Jean Paul Micallef responsabbli ghall-incident in kwistjoni u tordna lil konvenuti in solidum ihallsu lil attrici s-somma ta' sebat elef, mija u tnejn u hamsin ewro u sittax-il centezmu €7,152.16 in linea ta' danni, bl-ispejjez kollha u bl-imghax mid-data tas-sentenza.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur